MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 183/2000/1

**Gordon Borda**

**v.**

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentant tas-socjeta` estera Royal *and Sun Alliance Office, Sun Alliance & London Insurance p.l.c.***

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Frar, 2000 l-attur ippremetta illi huwa kellu vettura CBA-175 assigurata mas-socjeta` konvenuta (Dok A1 sa A4); illi fil-5 ta’ Lulju, 1999 din il-karozza nsterqet (Dok B1 sa B3); illi s-socjeta` konvenuta qieghda tirrifjuta li thallas lill-attur dik is-somma assikurata li hija dovuta (Dok C, D); dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenut ghandu ihallas lill-attur dik s-somma li ghandha tigi likwidata rapprezentanti l-assikurazzjoni tal-karozza CBA-175;

2. tillikwida s-somma dovuta mill-konvenut lill-attur;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma fuq likwidata bl-imghax mid-data dovuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fis-6 ta’ Marzu, 2000 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. L-ewwel talba ta’ l-attur ghandha tkun respinta billi l-attur ma jistax jinvoka l-operat tal-polizza ta’ assikurazzjoni Nru. 401-116553 mahruga mill-eccipjenti noe stante li fl-istadju tal-mili tal-*proposal form* l-attur naqas serjament milli jisvela lill-eccipjenti noe fatti materjali li kien jaf bihom u li kieku gabhom a konjizzjoni tal-eccipjenti noe dawn ma kenux jaccettaw li johorgu l-imsemmija polizza ta’ assikurazzjoni favur l-attur.

2. Konsegwentement it-tieni u t-tielet talbiet tal-attur ghandhom ikunu michuda billi ma hemm ebda obbligu tal-eccipjenti noe li jindenizza lill-attur. Ghalhekk ebda ammont ma hu dovut lill-attur.

3. <u>Bla pregudizzju</u> ghall-premess, it-talba ghall-imghax kif dedotta ghandha tkun rigettata stante li l-ammont pretiz mhux likwidat u ghalhekk *se mai* imghax ghandu jiddekorri biss mid-data tas-sentenza.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza tal-25 ta’ Mejju, 2004 meta cahdet it-talbiet kollha ta’ l-attur u ordnat li kull parti thallas l-ispejjez taghha b’dana li l-ispejjez tar-registru jhallashom l-attur u dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:-

“Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza graw hekk:

“Fit-18 ta’ Marzu 1999 l-attur kien ippropona lis-socjeta` konvenuta illi din tohroglu polza t’assikurazzjoni fuq vettura CBA 175. Meta mela l-*proposal form*, ghall-mistoqsija: “*Have you, or any of the persons who will drive …. … … had during the past 4 years any accident, loss or claim in connection with any motor vehicle*”, l-attur wiegeb hekk: “*I claim … insurance company was not involved*” (Fol. 38).

“Fl-4 ta’ Lulju, 1999 il-vettura assikurata nsterqet u l-attur ghamel talba that il-polza (Foll. 39 et seq).

“Meta kienet qieghdha tipprocessa t-talba ta’ l-attur, is-socjeta` konvenuta kisbet lista ta’ l-incidenti kollha fejn kien involut l-attur jew fejn kienet saritlu serqa fl-ahhar erba’ snin qabel ma saret il-proposta. Din il-lista nkisbet minn *database* elettronika, u turi illi kien hemm kemm-il okkazjoni fejn l-attur kien involut f’xi incident tat-triq jew fejn kienet insterqitlu xi vettura. Waqt is-smigh tax-xhieda irrizulta illi tassew illi kien hemm dawk l-episodji kollha.

“Billi l-attur ma kienx kixef dawn l-incident meta ghamel il-proposta ta’ assikurazzjoni, is-socjeta` konvenuta ma riditx thallas taht il-polza u ghalhekk saret din il-kawza.

“Il-principju ta’ *uberrime fides*, li jrid illi l-assikurat iwiegeb sew ghall-mistoqsijiet kollha li jsirulu mill-assikurat, u li jaghtih it-taghrif kollu mehtieg biex l-assikuratur jaghmel stima tar-riskju, huwa wiehed fundamentali fil-ligi ta’ l-assikurazzjoni u jaghti lill-assikuratur, meta jkun hemm nuqqas materjali min-naha ta’ l-assikurat, il-jedd illi jinhall mill-polza.

“Fil-kaz tallum ma jistax ikun serjament kontestat illi t-taghrif illi l-attur zamm mohbi, ghalkemm kien jaf bih, kien “materjali”, ghax relevanti u mehtieg biex issir stima sew tar-riskju u hekk l-assikuratur jara ghandux jaccetta li jaghti assikurazzjoni kontra dak ir-riskju jew le.

“It-talbiet ta’ l-attur ghalhekk ma jistghux jintlaqghu.

“Madankollu, il-principju ta’ *uberrime fides* jorbot mhux biss lill-assikurat izda liz-zewg partijiet, u l-qorti tara illi fl-imgieba taghha s-socjeta` konvenuta qieghda twaqqa’ dan il-principju minn wiehed ta’ *bona fides* ghal wiehed purament mekkaniku li l-assikuratur jinqeda bih biex jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu that il-polza. Dan qieghed jinghad ghax, daqs kemm kien facli ghall-konvenuta li tikseb it-taghrif mehtieg – billi taghmel telefonata jew taghfaas buttuna fuq it-tastiera tal-*computer* – meta saritilha t-talba taht il-polza, kien daqshekk iehor facli ghaliha li tikseb it-taghrif meta accettat il-proposta u xehtet il-*premium* f’butha. Kien mod iehor meta l-assikuratur kien jiddipendi ghal kollox fuq l-assikurat biex jikseb it-taghrif mehtieg; huwa differenti llum meta l-informatika thalli lill-assikurat jikseb it-taghrif bla tahbit ta’ xejn. In-nuqqas ta’ ghaqal tas-socjeta` konvenuta meta accettat ir-riskju bla ma nqdiet bil-mezzi bil-mezzi li kellha biex setghet facilment kisbet it-taghrif mehtieg ifisser illi lanqas hi ma harset dik l-*uberrime fides* illi llum qieghda tistrieh fuqha biex tinheles mir-rabta tal-polza.

“Ghalhekk huwa xieraq illi s-socjeta` konvenuta ukoll tbati sehem mill-ispejjez.”

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata b’dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti rriteniet li l-principju “*uberrime fides*” japplika ghaz-zewg partijiet f’kuntratt ta’ assikurazzjoni u li bl-agir taghha meta naqset li tivverifika l-fatti kif deskritti fil-*proposal form* mill-attur l-istess socjeta` naqset milli tosserva l-imsemmi principju li jirregola dan it-tip ta’ kuntratti u konsegwentement akkollat parti mill-ispejjez lill-istess socjeta` konvenuta. Kien

ghalhekk li l-istess socjeta` konvenuta intavolat appell lil din il-Qorti fejn talbet li l-imsemmija sentenza tigi riformata billi tigi revokata fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-appellanti thallas l-ispejjez taghha u li konsegwentement l-attur jigi kundannat jhallas l-ispejjez kollha tal-kawza kemm fl-ewwel u fit-tieni istanza.

**Ikkunsidrat:**

Il-kwistjoni li qed tigi sollevata mis-socjeta` assikuratrici appellanti ma hijiex prettament fuq l-kap ta' l-ispejjez, billi kif jinghad fir-rikors ta' l-appell:
"L-implikazzjonijiet ta' din il-motivazzjoni (cioe` r-raguni l-ghala s-socjeta` assikuratrici giet akkollata parti mill-ispejjez) huma serji u jaggravaw lill-esponenti b'mod car u manifest ghaliex il-motivazzjoni titlaq minn apprezzament maghluq u sbilancjat tal-fatti tal-kaz u tipprospetta xenarju fis-suq tal-assikurazzjoni li huwa distakkat mir-realta`. Minhabba f'hekk l-ewwel Qorti qieset erroneament l-imgieba tal-esponenti."

Huwa generalment rikonoxxut sew fil-ligi kif ukoll fil-gurisprudenza li kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kuntratt "*uberrime fides*" fejn "*The insurer is entitled to assume, as the basis of the contract between him and the assured, that the latter <u>will communicate</u> to him every material fact of which the assured has, or, in the ordinary course of business, ought to have knowledge*" (per Lord Cockburn, C.J. – **Proudfoot v Montefiore**) [1].

Intqal ukoll fil-kaz "**Pickersgill v. London & Prov. Marine**" [2] li "The duty to make a full disclosure proceeds from an implied term in the contract precedent to the insurer's liability".

Dana l-obbligu jinkombi lil min jkun qieghed jitlob l-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni billi mic-cirkostanzi kollha li jirrizultaw l-assikuratur mhux biss jkun f'posizzjoni li jistabilixxi l-*premium* ghal dik il-kopertura partikolari, izda, u aktar importanti jkun f'qaghda li jiddeciedi jekk jaccettax

[1] Vide Bingham's 'Motor Claims Cases' V Edition p. 690.
[2] Ditto

ir-riskju. "Every circumstance is material which would influence the judgment of a prudent insurer in fixing the premium or determining whether he will take the risk." (per Scott, L.J. – **Locker & Woolf v. Western Australian Ins. Co.**)

Fil-mument li ssir applikazzjoni ghall-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni s-socjeta` assikuratrici ma jkollha ebda informazzjoni fuq dik il-persuna li tkun qeghda tipproponi l-hrug tal-polza u ghalhekk hi ghandha toqghod fuq dak li jigi dikjarat lilha u mhux mistenni minnha li tinvestiga ulterjorment f'dak l-istadju dwar il-veracita` tal-fatti dikjarati. Dan apparti li tali verifika, anke bil-mezzi eletronici moderni, mhux tant semplici izda tinnecissita ricerka dettaljata li tiehu z-zmien u tista' twassal ghat-telfien tan-negozju propost.

Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx mal-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti meta akkollat parti mill-ispejjez tal-kawza lis-socjeta` assikuratrici inkwantu l-principju ta' l-*uberrime fides* jimponi obbligu fuq l-proponent u mhux fuq l-assikuratur. Jidher ghalhekk li l-aggravju tas-socjeta` appellanti huwa gustifikat. Jigi precizat, s'intendi, li mbaghad, meta wiehed jigi ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt il-principju ta' *uberrime fides* japplika ghaz-zewg partijiet.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi milquh u s-sentenza appellata riformata billi qed tigi revokata dik il-parti tas-sentenza li akkollat parti mill-ispejjez lill-istess socjeta` assikuratrici u konsegwentement tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza, kemm in prim istanza kif ukoll ta' dan l-appell jigu sopportati mill-attur appellat, u tikkonferma l-istess sentenza ghal bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------